# Knisja Filjali ta' Sant'Antnin ta' Padova

Ħarsa lejn l-istruttura ta' rħula qodma, bil-knisja parrokkjali mdawwra minn għadd ta' bini għall-abitazzjoni, iġiegħeluk timmaġina omm imdawra minn għadd ta' wlied. Ma setax ikun mod ieħor meta l-attivitajiet reliġjużi kellhom importanza enormi fil-ħajja soċjali tal-poplu. Illum wara li jinbnew housing estates aktarx fil-periferiji tar-raħal, jinħass il-bżonn ta' kappelli għall-kult u l-qima ta' l-insara. B'xorti tajba f'bosta naħat tal-gżejjer maltin, għandna diversi kappelli u knejjes ta' kull żmien u għamla, uħud minnhom tassew artistiċi, li magħhom hemm marbuta diversi ġrajjiet tal-qedem u devozzjonijiet ukoll. F'bosta każi dawn il-kappelli sar għandhom importanza akbar minħabba l-firxa ġdida tar-raħal. Is-sur Michael Spiteri (Kilin) kiteb diversi kotba għall-poplu biex wliedna jkomplu jgħożżu dawn l-imqades, aktar milli wirt storiku u artistiku, li mhux ta' min iħallih barra, bħala qima lejn il-qaddis/a meqjum/a fihom.

F'Birkirkara għandna kemm il-kappella fosthom dik ta' S. Antnin fi Triq il-Kbira. Sa llum għadu ma rnexxilix insib id-data ta' meta nbniet; iżdą hu żgur li kienet teżisti diġà fl-1575 meta żarha Mons. Duzina fil-Vista Pastorali tiegħu, u l-Isqof Balaguer isemmiha bl-isem ta' S. Katerina fl-Atti tal-Vista tiegħu ta' l-1615. Jingħad li din il-kappella ġiet mibnija minn ċertu Nardu Tonna u skond id-drawwa kien jieħu ħsieb li jsiru l-Għasar u l-Quddiesa f'Jum il-festa. Fil-bidu tagħha ġiet imsemmija għal S. Katerina ta' Lixandra. Ix-xbiha tal-Qaddisa Martri għadha tidher fil-kwadru titulari ta' llum. Bħal knejjes oħra ta' żmienha, din il-kappella ġiet abbandunata b'detriment għas-saqaf u l-bini kollu. Dan x'aktarx minħabba l-ħerba tat-Torok fi żmien l-Assedju. Il-visitatur Apostoliku ordna li jsiru tiswijiet u l-manutensjoni tal-kappella taħt piena ta' għaxar skudi. L-obbligi li kien hemm, fl-intervall tat-tiswija kellhom jitwettqu fil-Knisja Parrokkjali ta' S. Marija. B'xorti ħażina wara li ġiet restawrata u miftuħa għall-kult, reġgħet ġiet abbandunata u minħabba l-istat ħażin li fih kienet tinsab, fis-sena 1658, din ġiet profanata. Iżda dan kellu jkun għal żmien qasir. Kif jirriżulta mill-Atti tan-Nutar Pietru Attard bid-data ta' l-1 ta' Jannar 1659, il-kappella reġgħet infetħet wara li sarulha t-tiswijiet deċenti.

Il-Knisja ta' S. Antnin, kif hi llum, għandha binja arkitettonika nteressanti ħafna. Minn barra għandha għamla rettangolari, bla ebda xtur; tidħol fiha minn fuq zuntier baxx taż-żonqor minn bieb kbir. Minn ġewwa il-għamla hi ovali, b'koppla bi tmiem flieli li jispiċċaw fl-anterna ovali tikkorrispondi magħha bi tmien twieqi. Hemm artal ta' l-irħam ta' lwien diversi li hu kkonsagrat. Fuq naħa minnhom hemm spazju biżżejjed għal sagrestija li tiġi taħt il-kampnar li fih erba' qniepen. Fuq in-naħa l-oħra hemm taraġ li jwasslek għal fuq il-bejt li minnu tista' tasal għall-kampnar u fuq il-koppla. Minn ġewwa hemm taraġ mibni b'sengħa fil-ħxuna tal-ħajt li jwassal għal gallerija fejn jinżamm l-armonju u fejn jistgħu joqgħodu xi kantanti. Fil-ġenb tal-lemin hemm bieb laterali u quddiemu hemm niċċa kbira fil-ħajt li fiha hemm statwa kbira tal-Qaddis tal-mirakli. Din l-istatwa devota u artistika ta' S. Antnin tingħad li hi għotja ta' l-Isqof M. Antonio Buhagiar 100 sena ilu. Ix-xbiha tiegħu hi nkluża fil-kwadru titulari. Il-knisja fiha paviment ta' l-irħam li kien sar minn Mons. Gio Batt. Psaila fl-1899 kif tixhed l-iskrizzjoni bl-istemma tiegħu. L-altar tal-ġebel ta' quddiem in-niċċa u li fuqu kien jintrama l-altar tar-Reposizzjoni qabel ir-riforma liturġika, illum tbiddillu postu, kemm minħabba li ma għadx fadal ħtieġa tiegħu, kif ukoll minħabba li sa mit-13 ta' Ġinju 1983, din il-knisja qed tintuża bħala Ċentru Ewkaristiku. Minħabba f'hekk bejn Ottubru 1991 u Frar 1992 saru bosta arranġamenti ta' manutensjoni u oħrajn ta' dekorazzjoni fosthom it-tronett ta' l-adorazzjoni u xogħol fl-irħam bl-insistenza tal-benefattur il-kanonku Carmelo Pirotta li għal bosta snin kien iqaddes f'din il-knisja. Il-Prokuratur ta' dak iż-żmien kien il-Kan. Gius Zahra li rsista biex jagħmel il-Via Crucis tal-ġibs u kellu għajnuna ta' Emmle Briffa u wliedu Kekina u Antonia li tant kienu jirsistu biex iżommu ħajja d-devozzjonijiet tad-Dehriet tal-Madonna f'Lourdes, li għadhom isiru sa llum, kif ukoll il-festa ta' S. Antnin u tal-Qalb ta' Ġesù u l-Wiċċ ta' Kristu li lejhom hemm devozzjoni fost dawk li jattendu. Dan jixhduh diversi ex-voti li fadal. L-ex sagristan tal-Bażilka, Leli Demicoli wkoll irsista biex ma jħallix din il-kappella nieqsa minn xejn. Sa snin ilu, fil-festa tal-Qaddis kien

*jkompli f'paġna 58*

jieħu ħsieb jiffesteġġja r-Rev.mu Kapitlu kif kien isir fil-knejjes filjali l-oħra. Dawn l-aħħar snin qed nara tikber id-devozzjoni lejn San Ġeraldu majjella, brother ta' l-Ordni Redentorista u f'diversi pajjiżi fosthom l-Amerika hu patrun ta' dawk in-nisa li sejrin isiru ommijiet u ta' tfal morda.

Dwar l-użu ta' din il-kappella li fiha kienu u għadhom jiltaqgħu xi praesidia tal-Legion of Mary u xi grupp tal-Mixja neo-katekumenali, f'ġieh l-istorja ta' min ma jinsiex li meta l-Bażilka kienet ingħalqet, f'din il-kappella ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija. Hawn ukoll kienet issir waqfa fil-Proċessjonijiet Ewkaristiċi biex tingħata l-Benedizzjoni Sagramentali, kif ukoll fi żmien ir-Rogazzjonijiet (f'waħda mit-tlett ijiem qabel il-festa ta' Lapsi) u fil-festa ta' San Mark Evanġelista, li tiegħu hemm ukoll xbiha fil-kwadru titulari, kienet issir waqfa waqt il-proċessjoni. Iċ-Ċelebrant kien joħroġ fuq iz-zuntier u jbierek l-irjieħ. Kull sena jitfakkru d-devozzjonijiet tat-tmintax-il dehra tal-Madonna, li tagħha hemm xbiha tassew ħelwa. Fl-1983 Mrs Rożina Micallef irregalatilha kuruna tad-deheb għal fuq rasha. Iżda llum l-egħżeż użu li jsir minn din il-kappella li l-adorazzjoni ewkaristika kull filgħodu fil-ġranet kollha tas-sena minbarra ħdud u festi. Mingħajr programm fiss wara l-quddiesa nies minn kull strat tal-ħajja jgħaddu jsellmu lil Ġesù u jitolbuh il-ħtiġijiet tagħhom. Billi l-kappella tinsab f'post vantaġġjuż u milħuq minn kulħadd, numru ta' voluntieri jmorru jaduraw lil Ġesù fl-Ewkaristija. Meta titwal għal ġurnata sħiħa, il-konkorrenza ma tonqosx. Bosta minn dawk li kienu jattendu sa mill-1983 illum ma nsejnihomx u kull darba jiġu mfakkra fit-talb tagħna.

Dan il-ftit tagħrif, ingħata biex in-nies ikunu jafu aktar u aħjar dwar dak li hu ta' min igħożż u jara li jgħaddi lil ta' warajna.

15 ta' Frar a.m.b.